# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

LULJU 2022 – Ħarġa Nru: 202




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## ID-DAR KOMUNI TAGĦNA…

Bħalissa, l-aħbarijiet kollha jitkellmu fuq it-temperaturi għolja li qed nesperjenzaw fil-kontinent, f'dawn il-ġimgħat. Ħafna mill-mexxejja Ewropej qed iħeġġu lill-popli tagħhom biex jieħdu l-miżuri meħtieġa kontra l-ħsara li tista' ssir mit-temperaturi għoljin li qed inħabbtu wiċċna magħhom.

L-Italja ddikjarat ħames reġjuni fin-naħa ta' fuq tal-pajjiż bħala "stat ta' emerġenza" b'waħda mill-akbar xmajjar niżlet għal-livelli tassew baxxi… u dan qed jikkawża nixfa kbira fil-pajjiż. Issa, f'ħafna pajjiżi bdew in-nirien fil-foresti fejn eluf ta' siġar, li huma l-pulmuni tad-dinja, jinqerdu, ġieli anke kapriċċjożament.

**Bidla fil-ħsieb**

Dawk li sa ftit snin ilu kien jgħidu li dawn it-temperaturi estremi mhux veru li huma riżultat tat-tibdil tal-klima, illum qed jaħsbuha mod ieħor. Il-previzjonijiet juru li din ir-rotta li qbadna – li jkollna xtiewi twal u sjuf qliel – se tkompli fis-snin li ġejjin!



Hemm ukoll il-possibilità li anke pajjiżna jibda jħaddan klima tad-deżert. Biżżejjed naraw kemm ilha ma tagħmel ftit xita sew! Il-fatt li s-silġ fil-poli qed idub b'mod allarmanti, għandu jħassibna lkoll!

F'dan kollu, ilkoll kemm aħna rridu naraw x'inhu sehemna biex din is-sitwazzjoni ma tkomplix tmur għall-agħar. Ilkoll kemm aħna għandu jkollna interess ġenwin f'din "id-dar komuni tagħna", kif iħobb isejħilha l-Papa. Għandna nagħmlu ħilitna, anke b'ġesti żgħar, biex id-dinja tagħna tiġi rijabilitata u nibdew ngħixu f'ambjenti umani.

**Ilkoll responsabbli**

Waqt l-Angelus tad-29 ta' Ġunju, il-Papa rrefera għal din is-sitwazzjoni xejn sabiħa billi qal: "Il-ħarsien tal-ħolqien hi responsabbiltà tagħna, ta' kull wieħed u waħda minna. Din mhix xi moda – nistgħu nimxu magħha jew le – iżda hi responsabbilta' kbira. Il-futur tad-dinja hu f'idejna, hu fid-deċiżjonijiet tagħna".

It-tfal tagħna, fl-iskejjel qed jitgħallmu ħafna dwar din il-pjaga u kif nistgħu insibu rimedji ħalli ma nħalluhiex tikber. Ejjew aħna l-kbar nikkoperaw magħhom. Ejjew nitgħallmu kif għandna nġibu ruħna u flimkien nagħmlu l-isforzi meħtieġa ħa ntejbu l-qadgħa li ninsabu fiha.

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … LULJU 2022

**Ġimgħa 1:** Tifkira tal-Bejatu Nazju Falzon. L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Fis-7.30pm laqgħa għall-katekisti kollha fi tmiem is-Sena Kateketika.
**Sibt 2:** *L-Ewwel Sibt bi tħejjija għall-festa tal-Madonna tal-Grazzja.* Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet. Fis-5.50pm tingħad il-kurunella, funzjoni tas-Salve u fis-6.15pm quddiesa bil-kant.
**Ħadd 3:** **L-14-il Ħadd tas-sena**
**Erbgħa 6:** Jibdew l-attivitajiet tas-sajf għat-tfal. Fil-5.15pm jiltaqgħu fis-sala Notre Dame u wara, flimkien mal-ġenituri, jattendu għall-quddiesa tas-6.30pm. Dawn isiru kull nhar t'Erbgħa.
**Sibt 9:** *It-Tieni Sibt tal-Madonna tal-Grazzja.* Fis-5.50pm kurunella, funzjoni tas-Salve u fis-6.15pm quddiesa bil-kant.
**Ħadd 10:** **Il-15-il Ħadd tas-sena**
**Tnejn 11:** San Benedettu, abbati u patrun tal-Ewropa – Festa
**Ġimgħa 15:** San Bonaventura, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O
**Sibt 16:** L-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu – Tifkira O. *It-Tielet Sibt tal-Grazzja.* Fis-5.50pm kurunella, funzjoni tas-Salve u fis-6.15pm quddiesa bil-kant.
**Ħadd 17:** **Is-16-il Ħadd tas-sena**
**Ġimgħa 22:** Santa Marija Maddalena – Festa
**Sibt 23:** Santa Briġida, reliġjuża u patruna tal-Ewropa – Festa. Mit-8.00pm 'il quddiem attività ta' fund-raising b'risq il-festa mill-Grupp tal-Armar quddiem is-sala Notre Dame.
**Ħadd 24:** **Is-17-il Ħadd tas-sena.** *Jum l-Anzjani u n-Nanniet*
**Tnejn 25:** San Ġakbu, appostlu – Festa
**Tlieta 26:** San Ġwakkin u Sant'Anna – Tifkira O
**Ġimgħa 29:** Santa Marta, Santa Marija u San Lażżru – Tifkira O
**Sibt 30:** *Ir-Raba' Sibt tal-Grazzja.* Fis-5.50pm kurunella, funzjoni tas-Salve u fis-6.15pm quddiesa bil-kant.
**Ħadd 31:** **It-18-il Ħadd tas-sena**

**L-Intenzjoni tal-Papa għal Lulju 2022**

*L-Anzjani*

Nitolbu għall-anzjani tagħna li huma marbuta mal-għeruq u l-memorja tagħna l-bnedmin; jalla l-esperjenza u l-għerf tagħhom jgħinu liż-żgħażagħ iħarsu 'l quddiem bit-tama u r-responsabbiltà.



### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Justin Zammit (40), Benedetta Darmanin (90), Carmelo Magro (80), Alfred Bongailas (76), George Busuttil (60), John Gusman (77), Maria Pulis (87), Alfred Vassallo (73), Louis Borg (62), Margaret Mallia (85), Victor Ebejer (75), Nicholas Camilleri (55), Carmelo Axiaq (88), Ġużeppi Vella (86).

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*